MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 111/2010

**Christopher Bezzina**

**Vs**

**Jean-Iulian Ilie**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ipprezentat fil-5 t'April, 2010 minn Christopher Bezzina fejn huwa talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lil Jean-Iulian Ilie jhallas is-somma ta' sitt elef u disa' mitt ewro (€6,900) rapprezentanti flus mislufa lill-istess konvenut mir-rikorrent permezz ta' pagamenti diversi li bdew f'Ottubru tas-sena 2008 u li l-attur silef lill-konvenut minhabba materji personali. Bl-imghaxijiet skont il-Ligi u bl-ispejjes kontra l-konvenut inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1017/2010 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Jean-Iulian Ilie pprezentata fit-8 ta' Novembru, 2010 fejn huwa eccepixxa l-ewwel u qabel kollox li mhux minnu li r-rikorrenti silef lill-esponenti permezz ta' pagamenti diversi li bdew f'Ottubru 2008 is-somma ta' sitt elef u disa' mitt ewro (€6,900). Fil-verita' l-esponent ghandu jaghti biss lir-rikorrent mija u sebghin ewro (€170) rapprezentanti somma mislufa mir-rikorrenti lill-esponenti bil-ghan li dan jixtri biljett tal-ajru ghalih. Oltre din is-somma qatt ma gew versati ebda somom taht titolu ta' self.

Eccepixxa ulterjorment minghajr pregudizzju ghall-premess li lanqas m'ghaddew minghand ir-rikorrent lill-esponenti ebda somom ammontanti ghal sitt elef u disa' mitt ewro (€6,900) taht ebda titolu.

Eccepixxxa ulterjorment minghajr pregudizzju ghall-premess li l-esponenti m'ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti.

Finalment qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-affidavit ta' Joseph Muscat li jigi z-ziju tar-rikorrent fejn stqarr illi huwa u l-mara tieghu Maria Muscat kienu ghaddew lir-rikorrent zewg ammonti fis-sena 2009 ammontanti ghal seba' mitt ewro (€700) u hames mitt ewro (€500) rispettivament sabiex dawn jigu mislufin lill-intimat mir-rikorrent. Tali fatt gie anke kkonfermat mill-mara tal-istess Joseph Muscat ossia Maria Muscat.

Maria Muscat tkompli tghid illi s-somma ta' seba' mitt ewro (€700) giet moghtija lir-rikorrent sabiex tinghadda lill-intimat wara li l-intimat kien qalilhom li missierhom kellu jidhol malajr l-Isptar ir-Rumanija sabiex jaghmel operazzjoni tal-kankru u ghalhekk talab il-flus lir-rikorrrent u r-rikorrent gab il-flus minghandhom, u dan kien f'Settembru, 2009. Sussegwentement f'Ottubru, 2009 l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) giet mislufa lir-rikorrent mis-sinjuri Muscat sabiex tinghadda lill-intimat peress illi l-intimat ried imur ir-Rumanija ghat-tieg t'ohtu.

Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta’ Ludgarda Bezzina li tigi omm ir-rikorrent fejn stqarret illi l-intimat u r-rikorrent kellhom relazzjoni bejniethom u hi kienet tislef hafna flus lir-rikorrent sabiex jghaddihom lill-intimat. Dan peress illi f’Mejju tas-sena 2009, l-intimat kien tilef ix-xoghol tieghu gewwa Splash & Fun u allura kien jiddependi unikament mir-rikorrent b’mod illi s-sinjuri Bezzina, genituri tal-istess rikorrent, kienu jhossuhom kostretti jaghtu l-flus minhabba fic-cirkostanzi. L-istess Ludgarda Bezzina tkompli tghid illi l-ammont totali li hi u Michael Bezzina hargu kien jammonta ghal elf u erba’ mitt ewro (€1,400).

Tali fatti gew ikkkonferma anke mill-istess Michael Bezzina fix-xhieda tieghu fejn izid jghid illi wara li ra li l-istess intimat kien tilef ix-xoghol tieghu huwa kien ghamel minn kolllox sabiex jghinu jsib ix-xoghol u sahanitra kien sablu xoghol bhala kok gewwa bar. Izda kull ma dam hemm hekk kienu tlett xhur jigifieri bejn Dicembru 2009 sa Frar 2010 u minn hemm kien induna li l-intimat kull ma ried huwa li jirkeb fuq dar ir-rikorrent.

Dwar radd lura tal-flejjes dovuti, Michael Bezzina jghid li hu flimkien mal-mara tieghu kienu regolarment jitolbu l-flus lura minghand iz-zewg partijiet u l-intimat kien jghid li ghalkemm ma kellux flus xi jhallas dak iz-zmien kien ser ihallashom meta jkollu l-flus.

Rat ukoll ix-xhieda ta’ Antonella Bonavia li hija habiba tar-rikorrent u li stqarret illi hija dejjem kienet taf illi r-rikorrent kien ihallas ghal kull ma kellu bzonn l-intimat,wara li l-intimat tilef ix-xoghol f’Mejju, 2009 gewwa Splash & Fun. Hija stqarret ukoll li waqt li kienet barra qeghda tistudja gewwa Spanja, l-partijiet marru jzuruwha u mument minnhom meta l-intimat xtaq jixtri par jeans, huwa talab il-flus lir-rikorrent, liema rikorrent ma kellux aktar flus x’jaghtih. Huwa allura, l-intimat talab il-flus minghand l-istess Antonella Bonavia, liema Antonella Bonavia hallsitlu sabiex jixtri l-jeans izda qatt ma gew rifuzi lilha tali flejjes mislufa lill-intimat.

Rat ukoll l-affidavit ta’ Christopher Bezzina fejn qal illi hu kien ilu jaf lill-intimat ghal madwar sentejn ossia minn

Ottubru 2008 u kellhom relazzjoni bejniethom. F'Jannar tat-2008, l-intimat waqaf jahdem u ma kellux flus biex ihallas il-kera tal-post tieghu li kien jammonta ghal mitejn u tlieta u tletin ewro. Allura beda jhallas tali pagamenti l-intimat. Tali hlas gie estiz eventwalment ghall-hwejjeg, television, kontijiet tad-dawl u affarijiet ohra. L-intimat minn zmien ghal zmien kien jghid lir-rikorrent kien ser ihallsu lura ta' kollox meta kienu ser ihallsuh il-flus li kellhom jaghtuh id-ditti ma min kien qed jahdem. Dan kien jghidulu kemm verbalment kif ukoll meta ikunu qed jitkellmu bejniethom permezz tal-kompjuter.

Sussegwentement, izda s-sitwazzjoni baqghet b'mod illi f'Jannar tas-sena 2011, ir-rikorrent hassar ir-relazzjoni minn mal-intimat u talbu sabiex ihallas lura l-flus. L-intimat inizjalment kien jghidlu li ser jaghtih il-flus lura izda mbaghad beda jichad illi qatt kellu jaghtih xi flus u ghalhekk kellu jaghmel il-kawza odjerna.

L-istess Christopher Bezzina ipprezenta wkoll dokumentazzjoni immarkata bhala dokument A a fol 36 tal-process fejn indika id-diversi pagament illi huwa ghamel jew ghan-nom tal-intimat u dan dejjem fuq rikjesta tal-istess intimat. Fosthom hemm il-kera tal-fond tal-intimat minn Dicembru 2008 sa Novembru 2009 fl-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin ewro fix-xahar. Hemm ammont ta' elf ewro (€1,000) mislufa f'Awwisu 2009 lill-intimat sabiex imur it-tieg t'ohtu. Hemm tlett pagamenti ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma f'Gunju, Settembru u Ottubru 2009 ammontanti rispettivament ghal hamsa u sittin ewro (€65), disghin ewro (€90) u tlieta u sebghin ewro (€73).

Jirrizulta wkoll ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200) mghoddija lill-intimat ghall-operazzjoni ta' missieru, kif ukoll pagamenti ohra ta' hames mitt ewro (€500) u seba' mija u tletin ewro (€730) ilkoll relatati mal-operazzjoni illi kellu jaghmel missieru u lkoll datati Ottubru 2009. Hemm ukoll pagament iehor ta' mitejn ewro (€200) li sar f'Settembru 2009 kif ukoll pagament maghmul lil Melita fl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro. Total ta' sitt elef u disa' mija u erba' ewro (€6,904).

Rat illi fl-1 ta' Marzu 2011 il-Qorti kif diversament presjeduta rat illi la l-intimat u lanqas l-avukat tieghu ma deher iddikjarat il-provi tal-intimati maghluqa u ddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni finali.

Rat illi fil-25 ta' Marzu r-rikorrent talab sabiex il-Qorti tirrevoka d-digriet contrario imperio liema digriet gie revokat fid-29 ta' Marzu 2011 sabiex il-kawza tinstema' fl-24 ta' Mejju, 2011.

Rat illi sussegwentement wara illi din il-Qorti kif ippresjeduta dahlet fil-kawza saru seduti fis-17 ta' Gunju, 2011, fit-28 t'Ottubru, 2011 u fid-2 ta' Dicembru 2011 f'liema seduti l-intimat qatt ma deher u l-avukat tal-intimat gharraf lill-Qorti illi mhuwiex f'posizzjoni li jikkomunika ma' tali intimat.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi tenut kont tal-fatt illi l-intimat qatt ma ghogbu jidher quddiem din il-Qorti sabiex jiddefendi l-kaz tieghu, salv illi pprezenta risposta b'eccezzjonijiet vagi, il-Qorti ma tistax ma tistriehx fuq il-provi prodotti mir-rikorrenti.

Illi mix-xhieda prodotta mir-rikorrenti jirrizulta li r-rikorrent u l-intimat kellhom relazzjoni bejniethom.  L-intimat kien ghamel zmien jahdem izda mbaghad waqaf jahdem b'mod illi ma kellu ebda introjtu u ghalhekk kien beda jiddependi unikament fuq ir-rikorrent.  L-intimat ghalkemm saru tentattivi sabiex huwa jibda jahdem f'postijiet ohra, naqas milli jzomm post fiss fejn jahdem kif ukoll meta beda jahdem huwa kien jahdem ghal ftit zmien.  L-intimat meta kien ikun avvicinat mir-rikorrent ghall-hlas ta' dak li hallaslu r-rikorrent kien jghidlu li ser ihallsu izda dan meta kienu ser jaghtuh il-flus min kien qed ihaddmu. Konvenjentement, l-istess intimat kien dejjem jghid illi min kien qed ihaddmu, qatt ma kien qed ihallsu.

Kien ghalhekk illi f'mument minnhom illi r-relazzjoni bejn ir-rikorrent u l-intimat twaqqfet u r-rikkorrent beda jinsisti illi jithallas liema intimat inizjalment kien jghidlu illi ser

ihallsu izda sussegwentement beda jichad li huwa kellu jaghtih xi flus.

Ir-rikorrent esebixxa fost dokumentazzjoni ohra, skambju ta’ messaggi permezz ta’ apparat maghruf bhala MSN messanger plus liema messggi gew konfermati bhala originali minn Dekan tal-fakulta tal-Information Computer Technology Dr. Ernest Cachia u f’liema messaggi jidher car li l-intimat kien regolarment jaccetta illi r-rikorrent kien qed ihallas flejjes ghalih kellu jroddlu lura tali flejjes.

Jirrizulta ghalhekk ippruvat minghajr ebda dubbju li r-rikkorrent ghadda l-flejjes lill-intimat u l-intimat dejjem accetta li tali flejjes inghaddew lilu. Harsa lejn il-messaggi jindikaw li mument minnhom l-intimat kien qed jallega illi tali flejjes inghaddewlu bhala rigal izda qatt ma kkontesta illi l-flejjes mhumiex dovuti.

Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi tali flejjes ghandhom jigu mradda lura lir-rikorrent mill-konvenut u dan skont it-talba illi saret minnu.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti wara li rat ir-rikors promotur, wara li rat ir-risposta u x-xhieda kif ipprezentata mir-rikorrent u wara li rat li l-intimat ghalkemm moghti diversi okkazjonijiet naqas milli qatt jew jidher quddiem il-Qorti jew inkella jipprezenta l-provi tieghu anke okkorrendo permezz ta’ affidavit, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici. Ghalhekk tikkundanna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ sitt elef u disa’ mitt ewro (€6,900), rapprezentanti diversi flejjes mislufa lill-istess intimat mir-rikorrent. Bl-ispejjes kif mitluba fl-att promotorju inkluz il-mandat ta’ sekwestru 1017/2010 u bl-imghax legali mid-data tal-avviz ossia mill-5 t’April, 2010 sad-data tal-pagament effettif.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------